# DOQQLI WAĦDA BIL-MALTI

## IL-KANZUNETTA MALTIJA: MNEJN ĠEJJA U FEJN SEJRA?



F'DAN L-ARTIKLU, **IL-PROF. MANWEL MIFSUD** JAGĦTI ĦARSA LEJN L-GĦERUQ U L-IŻVILUPP TAL-KANZUNETTA MALTIJA MATUL IS-SNIN. MINN *X'AĦNA SBIEĦ MIN JAF JARANA* U *ĊEKLEM ĊEKLEM KAROZZIN* GĦAL *TAL-AĦĦAR* U *ILLEJLA B'XEJN*. MILL-GĦANA U L-KANZUNETTA ĦELWA U FOLKLORISTIKA GĦALL-KANZUNETTA AKTAR KRITIKA U IMPENJATA, SAL-ERA L-ĠDIDA TAL-*LUKANDA PROPAGANDA*

Jekk tistaqsi lill-Maltin liema hi 'l-mużika Maltija', aktarx isemmulek l-għana. U sa ċertu punt ikollhom raġun, għaliex dan il-ġeneru ta' mużika huwa l-uniku wieħed endemiku, li mas-sekli ħa identità għalih fl-iżolament ta' dawn il-gżejjer u ntrabat mal-kisriet naturali tal-ilsien Malti.

Imma mal-wasla tal-mezzi tal-komunikazzjoni u l-influwenza qawwija tal-mużika barranija, l-għana kellu jiffaċċja l-kompetizzjoni minn forom mużikali barranin, varjati u attraenti. U l-kompetizzjoni kienet qawwija, anke għaliex l-għana Malti għandu melodiji limitati u hu marbut b'versi mqabbla li jidħlu kexxun f'melodija diġà magħrufa mill-għannejja u mis-semmiegħa. Dan il-fatt kellu jkun kemm il-kundanna kif ukoll il-fidwa tal-għana. Kundanna għaliex, mhedded minn tant varjetà mużikali barranija, l-għana ma setax jikkompeti fil-kreattività mużikali u ma damx ma beda jiġi emarġinat f'felli tassew żgħir tas-soċjetà tagħna. U fidwa għaliex wasslilna tradizzjoni li fiha t-test tal-għanja huwa improvviżat u relevanti – kwalità li rġajna ġejna bżonnha.

Is-snin imqallba tal-ewwel nofs tas-seklu 20 jirrappreżentaw il-laqgħa tal-għana Malti ma' forom ta' mużika popolari differenti minnu, l-aktar mill-Italja u mid-dinja Anglofona. Artisti bi tradizzjonijiet differenti ħafna, bħal Carlo Satariano, Vincenzo Ciappara, Manwel Mercieca (is-Semenza), Manwel Cilia u Ġużeppi Xuereb (ix-Xudi) sabu ruħhom fuq l-istess vapur lejn Tuneż biex jaqtgħu ġabra ta' diski li jixhdu sewwasew dan it-taħlit (ara l-pubblikazzjoni *Malta's Lost Voices* ta' Andrew Alamango). L-għana jipprova jadatta ruħu kemm jista' biex isalva ġildu fl-atmosfera l-ġdida tal-kanzunetti Taljani ta' Sanremo u melodiji ħelwin oħra fuq diski ta' tliet minuti kollox.

Iżda l-emarġinazzjoni tal-għana Malti baqgħet għaddejja, u l-uniku prodott li rnexxielu jasal fis-suq il-ġdid kien il-makkjetta, għanja qasira u ċajtiera, imħaddma b'sengħa ta' mgħallmin minn artisti bħal Fredu Spiteri (il-Levarist) u Fredu Abela (il-Bamboċċu).

Importanti ħafna f'dan l-iżvilupp kienet il-ħidma ta' dawk li, filwaqt li ma kinux ġejjin mit-tradizzjoni tal-għana, xorta waħda taw sehemhom biex il-melodiji barranin jissieħbu mal-kelma Maltija. Fosthom insemmu lil Gaetano Buttigieg u l-artisti bravi tar-Radju Muskettieri, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, bħal Charles Clews, Johnny Catania, Armando Urso, Ġużeppi Ballucci u Spiru Sillato. Kienu dawn li għamlu possibbli t-twelid ta' dik li tibda tissejjaħ il-kanzunetta Maltija.



L-istudjużi barranin u Maltin Hans Stumme, Bertha Ilg, Ġużè Cassar Pullicino (u warajh Ġorġ Mifsud-Chircop) tefgħu l-ħarsa akkademika tagħhom fuq l-għana u ppruvaw itawlulu ħajtu billi jistituzzjonalizzawh bil-Konkors Nazzjonali fil-Buskett u l-programmi regolari tar-radju. Kien hemm ukoll min, bħal Charles Camilleri, libbes il-melodiji tradizzjonali krudi b'idjoma mużikali li biha jistgħu jintlaqgħu anke minn udjenza 'l hemm minn xtutna.

Fuq il-mudell tal-festivals barranin, f'Malta kienu ż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara li bdew jorganizzaw l-ewwel *Malta Song Festival* fis-sittinijiet. Fihom bdew jispikkaw ismijiet ġodda, aktarx minn fost il-poeti u l-mużikanti magħrufa taż-żmien, bħal George Zammit, Albert M. Cassola, John B. Cassar, Mro Carmelo Zammit, Mro Joe Vella, Paul Micallef u George Stevens. It-temi ta' din il-kanzunetta, madankollu, kienu limitati: xeni ta' mħabba idillika, ġrajjiet umoristiċi u, fuq kollox, l-apprezzament esaġerat tal-ambjent u l-folklor Malti. Il-kanzunetta folkloristika saret popolari u sabet vuċi fi gruppi bħall-Greenfields, u l-aktar fil-kanzunetti importanti tan-New Cuorey. Kien żmien ta' ħolm sabiħ, imma ħolm qasir. Il-mewġa ta' kontestazzjoni tas-sittinijiet fl-Ewropa laħqet mhux biss il-letteratura Maltija imma wkoll lill-kanzunetta, li fis-sebgħinijiet bdiet tistaqsi dan il-pajjiż huwiex daqshekk ideali u perfett. Hekk twieldet il-kanzunetta impenjata, imqarba, li titkellem fuq ir-realtà tal-ħajja Maltija bis-sabiħ imma wkoll, anzi iktar, bl-ikrah tagħha. Bħal fl-għana tradizzjonali, il-lirika reġgħet saret il-qofol tal-kompożizzjoni, u t-tematika hija attwali. Il-melodija ssegwi u ssaħħaħ il-kisriet naturali tal-kelma Maltija. Din il-kanzunetta twieldet u trabbiet fi ħdan dak li llum huwa l-festival *L-Għanja tal-Poplu*, li tul l-aħħar 42 sena pprova jkun il-mera kritika u artistika tal-ħajja tal-poplu Malti. F'dan l-ambjent trawmu kantawturi ta' kwalità, bħal Walter Micallef, Corazon u Manwel Mifsud. Imma sehem importanti f'din l-iskola tal-kanzunetta Maltija kellhom ukoll kompożituri u awturi ewlenin, bħal Alfred C. Sant u Joe Friggieri. Lanqas nistgħu ninsew lil Freddie Portelli li, b'impenn u ħila artistika kbira, fetaħ it-triq tar-rock Malti u għadu miexi fiha b'saħħtu kollha.

Sadanittant, laħqet ukoll ġenerazzjoni ġdida ta' riċerkaturi-artisti tal-mużika tradizzjonali Maltija, fosthom Anna Borg Cardona u l-Ġukulari, l-Etnika b'Ruben Zahra, Andrew Alamango, Ġużi Gatt u Steve Borg, u Nafra ta' Ruben Zahra.

Imma l-isfida tat-tiġdid ma tiqafx. Qegħdin ninnutaw il-qawmien ta' bosta gruppi ta' żgħażagħ bħal Brikkuni, KażinSka, Brodu, Plato's Dream Machine, Kafena, Xtruppaw u The Travellers li, fuq l-isfond wiesa' ta' mużika dinjija aktar miftuħa u mħallta, qed jiktbu kanzunetti bil-Malti esperimentali u mill-aktar interessanti, u bihom qed jindirizzaw ġenerazzjoni bilingwi li xorta jidher li qed tfittex l-għeruq tagħha.

Għax is-siġra, tinfirex kemm tinfirex, dejjem mill-għeruq tagħha trid.